**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

**JUM IL-KARITÀ**

"Kull nisrani u kull komunità huma msejħa jkunu għodda f'idejn Alla għall-ħelsien u l-promozzjoni tal-foqra... dan jitlob li nkunu doċli u attenti biex nistgħu nisimgħu l-karba tal-fqir u nħaffu ngħinuh" (*Il-Ferħ tal-Evanġelju,* 187). Dan huwa kliem Papa Franġisku li bih iħeġġiġna nagħrfu l-fqir ta' madwarna u ngħinuh.

Aħna f'Malta għandna grazzja li l-komunità nisranija, permezz ta' diversi kongregazzjonijiet tar-reliġjużi, għaqdiet tal-lajċi, kif ukoll tal-Arċidjoċesi, tgħin b'mod konkret lil min hu fil-bżonn. Għal dan il-għan infetħu bosta djar ta' akkoljenza: fosthom għal persuni li jsibu lilhom nfushom bla saqaf fuq rashom, tfal u żgħażagħ li fit-trobbija tagħhom sabu ruħhom f'diffikultajiet serji, persuni li waqgħu fil-vizzju tad-droga, nisa li ġew ittrattati ħażin, anzjani, persuni b'diżabilità, immigranti u refuġjati. Dawn l-opri ta' djakonija jeħtieġu l-għajnuna tagħna kemm permezz tal-volontarjat kif ukoll permezz ta' fondi.

Nhar il-Ħadd 15 ta' April 2018, b'inizjattiva tas-Segretarjat Djakonija tal-Arċidjoċesi, ser niċċelebraw 'Jum il-Karità'.

Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija 14 ta' April u tal-Ħadd 15 ta' April, ser tingħata l-opportunità biex ngħinu dawn l-opri ta' karità billi nagħtu l-kontribuzzjoni tagħna b'mod ġeneruż fl-offerta li ser issir apposta fil-knejjes tal-Arċidjoċesi.

Fil-ġimgħa ta' bejn il-Ħadd 8 ta' April u l-Ħadd 15 ta' April fil-knejjes se jkun hemm qfief għal kontribuzzjoni ta' affarijiet ta' ikel.

Nixtiequ nieħdu din l-okkażjoni biex f'isem Monsinjur Arċisqof nirringrazzjaw lil dawk kollha li jwettqu ħidma ta' volontarjat kif ukoll lil dawk kollha li jagħtu offerti materjali bħala għajnuna għal dawk fil-bżonn.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 4 ta' April 2018.

Kanċillier

Vigarju Ġenerali

Nitolbukom li tibagħtu l-ġabra b'*cheque* indirizzat "Arċidjoċesi ta' Malta" fl-indirizz: Jum il-Karità, Kurja tal-Arċisqof, PO Box 1, Floriana FRN 1520.